MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 13/2006

**Anna Faniello**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Gunju, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“L-Arbitru,

Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-26 ta' Lulju 2005 li permezz taghha ddecieda li Anna Faniello ma kienetx tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-ligi ghall-ghoti tal-Ghajnuna Legali, u l-appell prezentat mill-Onor Marie-Louise Coleiro b' ittra tat-22 ta' Awissu.

Id-Direttur kien ha din id-decizjoni peress li minn dettalji bankarji deher li hija kellha aktar minn Lm6,000 u kien qed jikkontempla azzjoni dwar xi overpayment.

L-appellanti pprezentat diversi affidavit ta' individwi koncernati u wkoll dikjarazzjoni guramentata li kienet ghamlet fil-proceduri tal-Qorti fil-kawza ta' separazzjoni li ghandha kontra zewgha, fejn spjegat kif kellha tissellef flus biex tghix izda dwar dan m' ghamlet ebda skrittura; mas-snin lahqet dejn ta' Lm15,700.

L-Arbitru kellu okkazjoni jisma' fit-tul kemm lill-appellanti kif ukoll lid-difensur taghha u nnota wkoll is-sottomissjoni li kien hemm depositi li kienu jappartjenu lil uliedha ghalkemm kienu f' isimha. Ezamina l-bosta dokumenti bankarji u l-ammonti u l-mod kif dawn gew depozitati u sbankati, u min dan kollu hu tal-fehma li d-Direttur kien gustifikat fid-decizjoni tieghu u ghalhekk dan l-appell qed jigi michud."

Ir-rikorrenti appellat minn din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha. L-oggett tar-rikjesta specifika taghha f' din is-sede hu dak li din il-Qorti ghandha taccetta l-proposizzjoni taghha illi hi personalment qatt ma kellha fondi li jeccedu l-ammont massimali stabbilit mil-ligi dwar is-Sigurta` Socjali ghal kwalifika taghha li tikkonsegwi dak il-beneficcju ta' l-ghajnuna socjali li hi kienet qed tircievi, u li gie mid-Direttur imwaqqaf lilha;

In linea ta' principju generali ma jistax ikun qatt dubitat illi s-setgha ta' apprezzament tal-provi, dokumenti u xhieda, hi necessarjament investita fl-Arbitru meta jsir appell lilu mid-decizjoni tad-Direttur. Huwa ghandu mhux biss id-dritt li jissindika d-diskrezzjoni ezercitata mid-Direttur izda fejn isib li jkun hekk xieraq skond ir-rizultanzi, li jissostitwixxi dik l-istess diskrezzjoni tad-Direttur b' dik tieghu;

Fil-kaz prezenti l-Arbitru deherlu li l-ilment sottomess lilu mill-appellanti ma kienx talment gustifikat li jinducih ivarja l-ezercizzju diskrezzjonali tad-Direttur. Huwa sab bhala konkluzjoni ta’ fatt in bazi ghar-rizultanzi probatorji u l-ezami minnu kondott tad-dokumenti bankarji u l-mod kif saru d-depoziti u l-izbanek, illi l-versjoni ta’ l-appellanti kienet inattendibbli u mhux ta’ min jorbot fuqha;

F’ kazijiet ta’ din ix-xorta fejn kollox jiddependi fuq il-valur u l-kredibilita` tal-provi, il-formazzjoni tal-konvinciment f’ min hu msejjah biex jarbitra hi dipendenti fuq il-valutazzjoni ta’ dawk il-provi li hu jqis l-aktar idoneji. Dejjem skond gurisprudenza pacifika dik il-valutazzjoni hi insindakabbli minn Qorti ta’ revizjoni jekk tirrizulta logika u koerenti ma’ l-elementi utilizzati u hi sostenuta minn motivazzjoni kongruwa li turi l-kriterju logiku segwit. Fil-kumpless, is-sentenza appellata f’ dan il-kaz tipprovdi kwadru car ta’ dawk l-elementi li fuqhom l-Arbitru iffonda l-konvinciment tieghu u tal-perkors segwit minnu biex wasal ghal konkluzjoni proprja;

Din il-Qorti rriezaminat l-inkartament tal-kaz u tista’ tghid li ma ssibx raguni perswasiva biex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni ta’ l-Arbitru fis-sentenza mpunjata. Fir-rigward taghmel dawn l-osservazzonijiet:-

(1) Fl-ewwel lok fuq dak ikkonstatat mill-Qorti jidher li l-appellanti tirrikorri ghal certi provi parzjali, ossija l-fatt li hi kellha tinkorri f’ debiti apprezzevoli, minghajr kitba attestanti s-self maghmul, biex tghajjex u tmanti lil uliedha (ara kopji ta’ l-Affidavit taghha minnha prezentat fil-proceduri tas-separazzjoni). Fl-istess nifs hi ma tiddivulgax l-ismijiet tal-mutwanti li sellfuha ghaliex, skond kif dikjarat minnha, dawn “ma xtaqux li joqghod jigi registrat isimhom jew li ssir referenza ghalihom”;

(2) Ankorke kellha din il-Qorti taccetta l-proposizzjoni illi maggorment il-fondi disponibbli kienu ta’ ulied l-appellanti u mhux taghha, ikollu jinghad illi difficilment jista’ jitwemmen li l-appellanti tirrikorri ghal self

minghand terzi meta setghet taghmel uzu mill-fondi ta' uliedha minorenni ghas-sussistenza taghhom stess;

(3) Huwa ostativ ghar-raggungiment tac-certezza necessarja il-kuntrast insanabbli bejn dak mistqarr u d-dokumenti bankarji li manifestament juru li l-akkonti huma f' isem l-appellanti personalment u mhux ukoll f' isimha ghan-nom ta' uliedha. F' dan hu kompriz l-investiment fl-HSBC Malta Funds Sicav plc li minnu l-appellanti ppercepit fl-1 ta' Marzu 2006 is-somma ta' Lm12,719.34. Huwa veru li b' Affidavit ta' l-istess jum l-appellanti tiddikjara li dan l-ammont kienet ser tghaddih lil bintha izda imbaghad naqset li ggib prova konkreta ta' dan;

(4) Anke minn dawn il-ftit kunsiderazzjonijiet din il-Qorti hi sodisfatta li t-test tal-verosimiljanza ma jistax jiffavorixxi t-tezi ta' l-appellanti kif sottomessa bl-aggravju taghha. Fil-kumpless, il-provi juru li din it-tezi mhix fededenja biex tigi akkolta u konsegwentement l-appellanti ma tistax lanqas tippretendi li saret mill-Arbitru valutazzjoni zbaljata tar-rizultanzi probatorji.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata ta' l-Arbitru, bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------